**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**A.MICALLEF TRIGONA LL.D.,MAG.JUR (EU LAW)**

**ILLUM 1 TA' FRAR 2012**

Il-Pulizija
(Spettur Ian Abdilla)

vs

omissis

Jason (Jason James Vassallo)

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet kontra dan l-imputat ta' karta ta' identita' numru 35568m, akkuzat talli fl-1 ta' Ottubru 2006, u fix-xhur ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmulin b'risoluzzjoni wahda:

1. Fil-kapacita' tieghu ta' ufficjal jew impiegat f'amministrazzjoni pubblika jew ta' impiegat tal-Gvern, sew jekk kellu kemm jekk ma kellux il-jedd li jesigi flus jew hwejjeg ohra bhala salarju tad-dmirijiet tieghu, jew akkont tal-Gvern jew ta' stabbiliment pubbliku, illi taht il-libsa tal-kariga tieghu, esiga dak li l-ligi ma tippermettix, jew izjed minn dak li tippermetti l-ligi, jew qabel iz-zmien li jmiss skond il-ligi;
2. Taht l-istess cirkustanzi, fil-kapacita tieghu, talab, irceva jew accetta ghalih jew ghal haddiehor xi rigal jew weghda jew offerta ta' xi rigal fi flus jew f'utili iehor, jew ta' hwejjeg, jew ta' xi vantagg iehor, li ghalih ma kellux jedd;
3. Taht l-istess cirkustanzi, fil-kapacita tieghu ta' ufficjal jew impiegat pubbliku, dolozament, bi ksur tad-drittijiet tieghu, ghamel jew naqas li jaghmel xi att mhux imsemmi fit-Titolu III tat-Taqsima II ta' l-Ewwel Ktieb tal-Kodici Kriminali, b'tghakis jew hsara ta' haddiehor.

Rat it-talba tal-Avukat Generali biex il-kawza tinstema' sommarjament, mhux opposta mill-imputat;

Semghet ix-xhieda kompriza tal-imputat minn jeddu u bil-gurament;

Laqat it-talba tal-prosekuzzjoni ghas-separazzjoni tal-gudizju;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

Minn rijassunt tax-xhieda ippresentata mill-prosekuzzjoni fil-konfrnt ta' dan l-imputat, cjoe' Jason Vassallo, dak li jirrisulta hu li bejn Marzu 2000 sa Settembru 2006 hu kien impiegat mad-Dipartiment tal-VAT. Gie implikat, u lanqas direttament, wara li certi konjugi Vassallo, gja impiegati fin-negozju gestit mill-imputata, kienu ghamlu rapport dwar xi irregolaritajiet li kienu allegaw saru bi pregudizzju tad-Dipartiment u kienu allegatament osservaw fil-kors tal-impieg taghhom. Sa hawnhekk hu wisq car li l-imputat odjern mhux milqut tant illi l-imsemmija konjugi Schembri staqrrew fil-kors tad-deposizzjoni taghhom quddiem il-Qorti li lil dan l-imputat ma jafuhx u ma kellhomx l-icken konoxxjenza tieghu. Jidher pero' illi l-imputat ddahhal fil-kredu fuq li qalu l-imsemmija kwerelanti li taht il-'cash register' tan-negozju kien hemm xi telefon li kellhom jirrikorru ghalih f'kaz ta' xi problema li setghet talvolta jkun hemm mad-Dipartiment tal-VAT. Dwar din il-persuna li setghet tghid il-kwerelanta hu li jisimha Jason u kien mir-Rabat. Mistoqsija pero' jekk qatt cemplux lil dan Jason huma irrispondew fin negattiv. Dan in-numru tat-telefon qatt ma gie svelat b'qaqstant li baqa' mistur l-appartenenza tieghu. L-anqas ma gie qatt muri li l-imputat kien l-uniku Jason mir-Rabat li dak iz-zmien kien impiegat id-Dipartiment tal-VAT.

Mis-suespost ghalhekk jirrisuta wisq car, fil-fehma tal-Qorti, li fuq dawn il-provi r-rejita' tal-imputat assolutament ma tirrizultax wisq aktar meta l-imputat xehed u spiega b'mod car x'kienet ir-relazzjoni tieghu ma' l-imputata. Veru li fl-istqarrija tieghu rilaxxjata lill-Pulizija jghid mod iehor sal-punt li jinkrimina lilu nnifsu. Fuq dan il-Qorti qeghdha tafferma li fil waqt li qeghda temmen lill-imputat f'dak li qal quddiema waqt li ghazel li jiehu l-pedana tax-xhieha daqstant iehor mhiex qeghdha tqis l-istess stqarrija minnu rilaxxjata u li ttiehdet minghajr ma kien assistit minn avukat ammissibli bhala prova fuq l-iskorta ta' pronunzjamenti recent tal-Qorti Kostituzzjonali.

Ghalhekk issib l-imputat mhux hati u tilliberah.

A.M.Trigona
Magistrat.